KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 47**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Antonello Cuschieri - Kunsillier
Louise Portelli - Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Vincent Bonello – Vici Sindku
Carmen Borg – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 47.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 45 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 46 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

### 47.1.2 Ittri ta' Apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Carmen Borg li tinsab ma tiflaħx u l-ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Louise Portelli li ma setgħetx tattendi minħabba mpenji ta' xogħol.

Il-Kunsill approva l-ittri ta' apoloġija.

## 47.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

47.2.1 Is-Sindku nfurma li bħalma diġa nfurma l-eżerċizzju tal-pjanti tlesta ovvjament għandna nkomplu nagħmlu manutenzjoni tagħhom. Importanti li nibqgħu inħawwlu f'dawk il-pots li l-pjanti jinxfu.

47.2.2 Is-Sindku nfurma li l-ewwel eżerċizzju tal-qbid tal-ħamiem mar tajjeb ħafna u qed jiġu identifikati postijiet oħra ta' fejn jistgħu jsiru l-gaġġeġ għal aktar qbid. Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri sabiex jidentifikaw aktar postijiet. Is-sindku nfurma li avviċinajna wkoll l-Għassa tal-Pulizija sabiex jintuża l-bejt tal-għassa. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li l-area tal-Blata l-Bajda wkoll hija mimlija bil-ħamiem u ppropona li nkellmu l-Kappella tal-Midalja mirakoluża forsi jagħtuna aċċess għall-bejt. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ippropona li jiżdiedu t-tabelli 'Don't feed the pigeons'. Is-Sindu ppropona li jiġu ordnati *stickers* u jitwaħħlu fuq it-tabelli eżistenti fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

47.2.3 Is-Sindku nfurma li x-xogħlijiet fuq il-gabbana ta' pjazza San Pawl għaddejjin b'ritmu tajjeb. Fil-fatt bħalissa nqalgħet il-gabbana l-antika. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni li qed jieqfu ħafna karozzi, minbarra li jieqfu fi Triq il-Kbira San Ġużepp qed jieqfu anke fi Triq il-Ferrovija.

47.2.4 Is-Sindku nfurma li l-Kunsill kellu stedina minn Greenpak dwar il-presentation taċ-Ċertifikat tal-Inizzjattiva 'Irriċikla għall-Istrina', fejn se jattendi għaliha l-Kunsillier Efrem Buttiġieġ. Din iċ-ċerimonja se tinżamm f'Palazz Verdala.

Is-Sindku nfurma li sar meeting mas-Sur Leonid Mckay u l-E.T. l-President Emeritus Dr George Abela flimkien ma’ rappreżentati tar-residenti ta’ Sqaq il-Kubrit fejn ġie diskuss il-proġett ta’ Caritas Malta fil-Binja magħrufa bħala tal-Isqof. Is-Sindku spjega li kienet laqgħa tajba ħafna u jidher li r-residenti kienu sodisfatti ħafna. Is-Sindku qal li laqgħat ta’ dan it-tip jagħmlu ħafna ġid.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk kienx hemm risposti dwar it-talbiet mressqa quddiem TM. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għandha ħafna issues pendenti
47.2.5 dwar it-talbiet imressqa u tittama li sa laqgħa oħra jkollha r-risposti.

Is-Sindku nfurma li saret laqgħa ma’ dawk l-individwi li se jorganizzaw wirjiet matul il-Ġimgħa Mqaddsa, fejn ħarġu xi suġġerimenti fejn nistgħu nkunu ta’ għajnuna,
47.2.6 bħal per eżempju artikli fil-gazzetti u promozzjoni mal-iskejjel sabiex jieħdu l-istudenti jaraw il-wirjiet. Is-Sindku nfurma li l-preparamenti għad-Dramm tal-Passjoni mexjin ġmielhom. Fil-fatt din is-sena hemm dramm tajjeb ħafna, b’kast magħmul minn bosta atturi tajbin.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għall-Evaluation Board tat-tender tal-Avukati nnominat lil Dr David Farrugia Sacco li aċċetta li jkun parti mill-Board, filwaqt li
47.2.7 offriet lil Perit William Lewis, li ma setgħax jaċċetta li jkun fuq il-board minħabba l-fatt li hu jfassal it-tenders tal-Kunsill u hekk jista’ jkollu kunflitt ta’ nteress, iżda nnomina Perit ieħor sabiex ikun fuq il-board, filwaqt li staqsiet lis-Sur Pierre Mangion biex ikun rappreżentant finanzjarju tal-board, iżda s’issa baqgħet mingħajr risposta. Il-Kunsillier Jurgen Grixti staqsa jekk din il-proċedura daħlitx fis-seħħ għat-tenders kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nħarġet Legal Notice ġdida, liema kopja tagħha ġiet mgħoddija lill-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sindku għandu jkun ic-Chairman u dan m’għandux dritt tal-Vot. Il-Kunsillier Jurgen Grixti qal li din hija spiża żejda għall-Kunsill. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li hu ma jaqbel xejn ma din l-inizzjattiva għaliex għandek 4 min-nies se jagħżlulek it-tender huma u tispiċċa taċċetta dan li għażlu. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li l-Kunsillier hekk ġejjin litteralment biex jirċievu l-ilmenti biss. Is-Sindku spjega li hemm it-tajjeb u l-ħażin, għaliex mill-esperjenza li kellu l-Kunsill, l-Evaulators għandhom ċertu responsabbilta’, bħal meta nqala’ l-każ li l-Kunsill spiċċa l-Qorti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Liġi qegħda ċara, l-Kunsill xogħlu huwa li japprova l-Evaluation Report u mhux jiddiskuti r-rapport. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa li f’każ li jkun hemm appell min se jidher l-Qorti. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li huma l-membri tal-Evaluation Board li jidhru quddiem il-Qorti u mhux il-membri tal-Kunsill. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri spjega li f’każ ta’ każijiet ta’ konsulenti tekniċi, l-Kunsill dejjem ħa ħsieb li jdaħħal persuni tekniċi bħala konsulenti tal-Kunsill. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li din il-kwistjoni tmur kontra dak kollu li qed jgħid il-Gvern fejn irid jagħmel riforma fil-Kunsill fejn qed isiru affarijiet tajbin iżda din il-kwistjoni vera tmur kontra ta’ dak li jrid jagħmel, għaliex f’din ir-riforma jrid jagħti aktar poteri lill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li kien ikun aktar għaqli jekk dawn il-konsulenti jiddaħħlu fil-fażi tal-bini tat-tenders għax l-Evaluation kemm timmarka buttuna fuq is-sistema u lesta. Is-Sindku spjega li din l-inizzjattiva saret biex forsi jinqata’ l-abbuż li kien qed ikun hemm minn xi Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni ntensiva l-membri għamluha ċara li ma jaqblux ma din il-Legal Notice.

47.2.8 Is-Sindku nfurma li l-Kumpanija Farsons tixtieq torganizza xi attivitajiet fl-okkażjoni tal-Anniversarju tagħhom u ġie nfurmat li se jorganizzaw attivita' nhar l-20 t'April fil-Pjazza ta' quddiem il-Kunsill. Is-Sindku spjega li Farsons plc tixtieq tagħti fondi għal proġett fil-lokalita' fejn ippreżenta numru ta' proġetti b'risq il-lokalita' li huma: Bust ta' San Ġorġ Preca, Ir-restawr tal-Artali tal-Parroċa San Gejtanu u Statwa ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni fi Pjazza Kappillan Muscat. Is-Sindku nfurma li d-Diretturi qablu li jisponsorjaw l-istatwa ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni li mistennija ssir fi Pjazza Kappillan Muscat.

47.2.9 Is-Sindku nfurma li kellu laqgħa mas-Supretendent Carmel Bartolo, l-Ass. Kummissarju Martin Sammut, liema laqgħa attenda għaliha l-Kunsillier Efrem Buttiġieġ fin-nuqqas tal-Kunsillier Antonello Cuschieri li kien imsiefer. Is-Sindku spjega li waqt il-laqgħa ġiet diskussa l-ħidma tal-Pulizija u l-ħidma tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li kien hemm improvement iżda fadal ħafna xi jsir b'mod partikolari dwar l-ammont ta' ħwienet li qed jinfetħu mill-barranin. Is-Sindku spjega li qed issir ħidma mal-MTA, l-Awtorita' tal-Ippjanar u s-Sanita'. Is-Sindku spjega li qed isir eżerċizzju u qed tiġi mgħoddija l-informazzjoni lil Pulizija. Il-Kunsillier Jurgen Grixti qal li problema oħra li hawn fil-lokalita' hija l-itlajjar, fejn jintefgħu fuq il-bankina u mara biex tgħaddi trid tinżel minn fuq il-bankina. Is-Sindku spjega li kien hemm progress iżda xorta fadal xi jsir. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li waqt il-laqgħa ġew diskussi bosta affarijiet iżda xorta mhux kuntent.

47.2.9.1 Il-Kunsillier Louise Portelli semmiet il-problemi fil-kerrejja Okkella Agius. Is-Sindku qal li l-problemi f'Okkella Agius ilhom għaddejjin s-snin u l-Kunsill ma jistax jidħol mill-bieb 'l ġewwa. Min-naħa tal-Kunsill saret pressjoni sabiex issir manutenzjoni fil-binja tal-kerrejja u wara bosta laqgħat u pressjoni aktar kmieni dalgħodu ġew installati CCTV Cameras, liema cameras saru biss biex isir *monitoring* minħabba l-ħmieġ. Il-Kunsillier Louise Portelli staqsiet jekk hux possibli li jkun hemm Pulizija pajżana li jagħmlu monitoring u jaqbdu lil xi ħadd.

47.2.9.2 Is-Sindku qal li r-residenti tant draw jaċċettaw kollox li qatgħu qalbhom u fl-istess ħin jibżgħu jitkellmu, anzi dan l-aħħar kien hemm persuna li qamet u tkellmet. Il-Kunsillier Louise Portelli qalet li mhux sewwa li jseħħu abbużi quddiem ir-residenti, b'mod speċjali tfal. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk hux possibli li nitolbu lill-Pulizija sabiex il-kerrejja tiddaħħal fir-ronda tal-Pulizija. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li ssir laqgħa mal-Housing Authority, r-residenti u l-Pulizija sabiex jiġu ssalvagwardjati r-residenti. Is-Sindku nfurma li hu diġa għadda l-informazzjoni li ngħata lill-Pulizija.

47.2.10 Is-Sindku nfurma li fil-ġimgħat li ġejjin se jkunu qed jiġu nstallati CCTV Cameras fi Ġnien Oreste Chircop. Is-Sindku rringrazzja lis-sidien ta' POP IN li offra li jżomm l-apparat tal-cameras għandu, iżda hemm xi diffikultajiet fejn se jitwaħħlu l-cameras.

47.2.11 Is-Sindku nfurma li nbeda x-xogħol fuq ir-roundabout ta' ħdejn l-iscouts fejn se jsir dawl u tingħata ftit ħajja fl-akwata. Is-Sindku spjega li se jkunu qed jitwaħħlu cameras sabiex nissalvagwardjaw ix-xogħlijiet li qed isiru.

47.2.12 Is-Sindku nfurma li nbeda x-xogħol fuq Pjazza Kappillan Muscat ukoll.

47.2.13 Is-Sindku nfurma li fil-ġranet li ġejjin se jkun qed jinbeda x-xogħol fuq it-tibdil ta' bankini fi Triq Ħal Qormi u Triq Giovanni Barbara.

47.2.14 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' €1000 sabiex jiżdiedu l-pots u pjanti fit-toroq tal-lokalita'. Il-Kunsill approva din in-nefqa.

47.3.1 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li l-Kunsill se jieħu sehem fil-Malta Clean Up Day li se jieħdu sheem fiha l-membri tas-sotto kumitat għall-ambjent. Iz-zoni magħżula huma Pjazza San Pawl, Pjazza Kappillan Muscat u Triq San Ġorġ Preca. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li ltaqa' mal-impjegata Maronia Bonello fejn ddiskutew bosta inizzjattiv bħal posters u kompetizzjonijiet għar-residenti sabiex titqajjem kuxjenza għall-ambjent aħjar. Se jsiru wkoll taħdidiet minn Greenpak u WastServ għar-residenti. Dan kollu flimkien mal-inizzjattiva tat-tappijiet għall-Istrina.

47.3.2 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li se terġa' tinżamm il-Waste Reduction Week flimkien ma' attivitajiet oħra favur l-ambjent.

47.3.3 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li ġie avviċinat minn residenti fi Triq San Gorg Preca fejn qed jitolbu li tiċċaqlaq ir-Reserved Parking tagħhom u ssir fl-1 bay x'ħin tinżel it-taraġ. Il-Kunsill qabel, ġaladarba r-residenti stess qed jitlobu dan ix-xogħol.

47.3.4 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li r-Reserved Parking quddiem 39, Triq Anton Buttiġieġ m'għadhiex tintuża u talab li titneħħa u ssir parking bay. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali talba diġa saret lil Transport Malta u malli jkollha l-approvazzjoni jsir ix-xogħol meħtieġ.

47.3.5 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li quddiem Take Away fi Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq Miggiani saru 2 ubars bla permess.

47.3.6 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li tintbagħat reminder lil TM dwar it-talba għal Un/Loading bay quddiem Elia fi Triq Villambrosa.

47.3.7 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li tintbagħat reminder dwar it-talba ta' One Way fi Triq Lord Byron.

47.3.8 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri infurma li t-trakk tal-iscammel li jiġbor l-iskar ta' Triq it-Tramm qed jiġi minn Triq Roger Debattista u jitla' bir-reverse u qed ikun hemm ħafna inkwiet. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li jew jibda' jinġabar bit-trakk żgħir jew inkella l-iskart jinġabar minnn żewġ naħat.

47.3.9 Is-Sindku nfurma li qed ikollu ħafna lmenti li l-ħġieġ mhux jinġabar. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li l-iskart tal-Każin PN nhar ta' Ġimgħa qed jinqabeż. Dan il-każ ġara aktar minn darba.

47.3.10 Is-Sindku nfurma li l-Kunsillier Carmen Borg se tkun qed torganizza ħarġa għar-residenti f'Forti Sant'Iermu. Dettalji se jingħataw fil-ġimgħat li ġejjin.

47.3.11 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma li hemm ħofor perikolużi fi Triq Joe Sciberras x'ħin toħroġ minn Triq il-Fatati, Triq Kappillan Mifsud u Triq il-Ferrovija.

47.3.12 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma li qed ikollu bosta lmenti dwar tlajjar ta' persuni fis-sakra, tant li r-residenti qed jibżgħu jgħaddu minn fuq il-bankini. Il-Kunsillier Grixti talab li l-Pulizija tagħmel aktar ronda f'din iz-zona, għaliex spiċċajna bir-residenti skjavi u lanqas jistgħu jilbsu ħajta deheb għax jibżgħu li jiġu attakkati u misruqa. Ġie propost li tinkiteb ittra sabiex jidħlu l-RIU fil-Ħamrun.

47.4 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 35.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**47.5 Korrispondenza**

47.5.1 Stima – Additional Camera fil-pjazza tal-Kunsill. Din l-istima ġiet approvata.

47.5.2 Kunvent Franġiskani – talba għall-għajnuna sabiex issir rampa fl-entratura tal-Knisja San Franġisk. Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa ma' Patri Gwardjan sabiex jiddiskutu dawn ix-xogħlijiet.

47.5.3 Kors ta' Robotica u Coding għat-tfal – Il-Kunsill approva li jerġa' jiġi organizzat dan il-kors.

47.5.4 Is-Sindku nfurma li l-proġett li l-letrini jingħataw lil MTA sfaxxa. Għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin se tkun qed toħroġ sejħa għall-offerti għall-Żamma u Manutenzjoni tal-Letrini Pubbliċi.

**47.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-8.00p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 4 ta' April 2018 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 4 t'April 2018

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |